# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru tlieta u tletin (33) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar is-16 ta' Diċembru, 2014, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Charlene Zammit | Deputat Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

1. Il-laqgħa bdiet nofs-siegħa tard minħabba li ma kienx għad hawn kworum.

2. Il-kunsillieri preżenti skużaw l-assenza tas-Sindku, Nicholas Briffa li għadu qed ikun rikoverat l-Isptar kif ukoll ta' Michel Farrugia.

3. Is-SE qara l-minuti tas-seduta preċedenti u dawn kienu approvati u ffirmati bil-korrezzjonijiet li xtaqu l-kunsillieri preżenti.

4. **Punti mill-Minuti**
5. Dwar il-Purcissjoni tal-Kunċizzjoni, Grace Marie Mallia qalet li din qatt ma setgħet taħbat mal-attivita' organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ ta' Santa Marija għaliex kienu fi ġranet differenti u mhux kif intqal fis-seduta preċedenti.

6. Dwar il-*poster* propost biex jagħti promozzjoni l-attivita' li ser jorganizza l-KLM nhar il-Ħadd li ġej, id-Deputat Sindku qalet illi dan sar u fuq inizjattiva' tal-KL taż-Żgħażagħ, u fuqu tqiegħed il-*logo* tal-kumpanija *Branded Juice* li ddiżinjaw il-poster *gratis.* Hija qalet li għall-bidu kellna problema bil-*poster* li kien se jkun fih ritratt tal-kukkanja, għaliex ċemplilha l-Avukat tad-Dipartiment tal-Kultura u talabha tiffirma *personal indemnity form* peress li l-istess kukkanja hija fi stat perikoluż. Għaldaqstant ir-ritratt kellu jitħassar minn fuq il-*poster* għaliex hija flimkien mal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ ħadu d-deċiżjoni li l-kukkanja ma tkunx parti mill-attivita' biex ma jweġġa ħadd. Hawn intqal illi biex tintrama l-kukkanja id-Dipartiment ra li kien ikun aħjar li kellha ssir ix-xibka tagħha mill-ġdid minflok titraqqa' dik li għandhom fi stat dilapidat.

7. Dwar il-permessi tal-Pulizija, id-Deputat Sindku qalet illi dawn jinħtieġu permess addizzjonali tal-*Fund Raising.*

8. Intant, s'issa jidher li kien hemm sittax-il bejjiegħ li hu kkonfermat li se jesebixxi l-prodotti tiegħu fi *stall* nhar il-Ħadd li ġej.

9. Il-*bill board* twaħħal fit-tarf tar-raħal fejn is-soltu jitwaħħal, mis-SE u żewġ ħaddiema tal-KLM wara li nkera *cherry picker* aktar kmieni din il-ġimgħa biex issir pubbliċita'. Hawn Paul Spiteri qal li hu ppromova flimkien ma' Maria Ellul, id-Deputat Sindku tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ tal-Imqabba, fuq NET TV fil-kampanja ta' ġbir ta' fondi tal-PN il-Ħadd li għadda.

10. Charlene Zammit qalet illi hija wkoll tat is-sehem tagħha fil-programm *F Living* li suppost kellu jkun imxandar fit-3.00pm u minflok ixxandred fl-4.00pm propju l-bieraħ. Dwar promozzjoni fuq radjijiet lokali intqal illi rnexxielna nagħmluha fuq il-*One Radio* u se naraw jekk hux possibbli li ssir fuq l-istazzjon nazzjonali wkoll. Intant, l-udjenza li hija mmirata li żżur il-villaġġ tal-Milied, hija l-familja.

11. Dwar il-bradelli tal-festa, se nagħmlu kuntatt mas-soċjetajiet mużikali sabiex jikxfuhom huma stess u jibqgħu esebiti fil-Kappella ta' Santa Katerina li wkoll se tinfetaħ nhar il-Ħadd, 21 ta' Diċembru fl-attivita' *Rigal Ħaj* b'risq, *Qalb it-Tfal.*

12. Id-Deputat Sindku qalet illi l-*leaflet* promozzjonali mhux se nagħmluh u l-*poster* se jintwera' fil-fuljett fuq wara u se jitqassam minn Josef Farrugia nhar il-Ħamis u l-Ġimgħa, 18 u 19 ta' Diċembru, 2014. Hawn is-SE semma' li dalwaqt se jkollna nippublikaw *leaflet* ieħor sabiex jitqassam fid-djar minħabba l-laqgħa pubblika tal-lokalita' kemm-il darba l-KLM se jsegwi l-passi ta' leġiżlaturi oħrajn. Grace Marie Mallia innutat illi dan kienet *item* fuq l-agenda tal-laqgħa li għaddiet u nsejna niddiskutuh.

13. Għall-*party* tat-tfal tal-KLM, id-Deputat Sindku marret titkellem mal-Kap tal-Iskola għaliex ma kienx hemm konkorrenza tajba biżżejjed u d-data li fiha l-KLM kien qed jilqa' l-applikazzjonijiet kienet estiża.

14. Id-Deputat Sindku semmiet li kien hemm *e-mail* minn każin li qalu illi mhux in-norma li nitolbuhom flus biex tintrama *stall* u issa qed jarawha bi tqila li jagħtu donazzjoni għall-*Fondazzjoni Qalb it-Tfal* minkejja li dawn inħallsuhom talli jarmaw festun, u talli s-soltu jdoqqu l-banda. Din id-domanda jidher li saret (is-SE m'għandux kopja tagħha) b'email mill-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ fejn jidher li talbu persentaġġ f'donazzjoni għall-ikel li jbiegħu. Id-Deputat Sindku qalet illi l-każini tal-banda iddeċidew li ma jarmawx stall f'din l-attivita'.

15. Dwar il-*motifs* tal-KLM tal-Milied illi din is-sena ma ntramawx kien hemm diskussjoni jekk ikunx propizju illi dawn jintramaw issa quddiem każin wieħed biss, peress li din is-sena is-Soċjeta' Sta Marija waħħlet dawk tagħha fl-attivita' tagħha *Milied Imdawwal.* Dawn waħħluhom quddiem il-każin tagħhom. Hawn Paul Spiteri qal li hu jaħseb illi dawn tajjeb li jitqabbdu f'Misraħ il-Fidwa. Madankollu kien deċiż illi l-kuntrattur tal-Kunsill, *Nexos Street Lighting* iqabbad l-istilel fil-Pjazza tal-Knisja u s-siġra fi Ġnien Onġi Onġella.

16. Paul Spiteri qal li l-*email* li bagħat is-SE lis-Sur Mariano Briffa ma waslitlux u għaldaqstant, hu stiednu sabiex illum jiġi għat-*token* xorta waħda.

17. Minkejja li konna infurmati illi l-Perit William Lewis talab stima minn għand xi ħaddieħor biex isir *survey* fejn qed joqgħod l-ilma tax-xita fi Triq Santa Katerina, hemm min fost il-kunsillieri li mhux qed jaqbel li jinħarġu flus żejda biex isir dan ix-xogħol u kien hemm suġġeriment illi niktbu lill-*Asfaltar Ltd* u lill-Perit Anthony Bezzina dwar dan id-difett. Intant Grace Marie Mallia qalet illi hija tissuġġerixxi illi jitqajjem ukoll il-każ tar-residenta li għandha bieb tal-*aluminium* kannella fi Triq il-Mitħna li wkoll qed tilmenta minn għadira tal-ilma u li t-triq kienet maqlugħa wara li kienet saret mill-ġdid għall-istess raġuni bħal dik ta' Triq Santa Katerina.

18. Dwar is-siġar ta' quddiem iċ-ċimiterju, se nkomplu ninsistu mal-*ELC* biex dawn jinqalgħu minn fejn huma.

19. B'riferenza għall-*party* tat-tfal, id-Deputat Sindku qalet illi r-rigali għażluhom hija u Paul Spiteri u hija uriethom lill-Grace Marie Mallia minn fuq l-*i-pad* tagħha waqt din is-seduta. Kien hemm qbil unanimu illi biex nevitaw ħafna skariġġ, inġibu l-ikel tal-*party* tat-tfal mingħand *Neriku Caterers* għal €1.50 kull tifel/tifla inkluż il-*vat*.

20. Dwar it-talba li saret mit-tifel tas-Sindku, peress li hu mhux f'pożizzjoni li jtina firma u għaldaqstant il-kunsens li l-onoraria tintefa' fil-*bank account* tiegħu, kien hemm suġġeriment illi nistennew tweġiba mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Hawn intqal illi c-*cheque* tiegħu jista' jitpoġġa f'*express banking* mit-tifel tas-sindku.

21. Dwar il-każ ta' skart mitfugħ minn ħafna ħin/ġranet qabel u l-ilment mis-Sur Farrugia fi Triq San Bażilju, l-KLM se jibqa' jsegwi l-każ kif ukoll se jerġa' għal darb'oħra jsewwi kaptell li hemm fl-istess triq li reġa' nfaqa' bil-piż tal-vetturi. Hawn is-SE talab lill-*Transport Malta* tikkonċedi tabelli biex tabolixxi vetturi tqal minn din it-triq tant dejqa u f'partijiet sħaħ mingħajr bankini.

22. Periklu ieħor kien innutat fi Triq tas-Sejba, fejn il-KLM qed isegwi t-talbiet tiegħu għat-tmexxija ta' bus *shelter* u *zebra crossing*. Hawn Charlene Zammit qalet illi kellha proposta minn individwu sabiex jiċċaqlaq l-*alignment* tal-bankini f'dan is-sit minħabba s-sigurta' tan-nies fit-triq. Is-SE fakkar illi l-*alignment* kien inbidel bit-twettieq tal-proġett li fih iċċekken il-ġnien u spustjat ruħha ir-*roundabout* tal-Mentna wara li dan għadda mill-iskrutinju mhux biss ta' Transport Malta iżda wkoll tal-*MEPA*.

23. Grace Marie Mallia qalet illi hija sabet lukanda, is-S*an Antonio Hotel* fejn il-*breakfast* għall-pubbliku li se jkun organizzat mill-KLM kif deċiż fis-seduta preċedenti se jkun jiswa' €11.00 inkluż it-trasport. Din il-ħarġa hu ttamat li ssir fl-4 ta' Frar filwaqt li dik proposta fl-aġenda għal Betlehem f'Għajnsielem kienet skartata għaliex issa daħal ħafna iż-żmien u l-kunsillieri beżgħu illi jkun il-maltemp peress li tinvolvi l-vjaġġ bil-vapur.

24. Is-SE qal li is-SE tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi qallu illi it-trasport f'Malta għall-grupp li mar Sqallija jiswa' €3.00 ir-ras filwaqt li Grace Marie Mallia sostniet illi hija għandha informazzjoni illi dan kien jiswa' €2.50 ir-ras.

25. Il-KLM irringrazzja pubblikament lill-eks Deputat Sindku tal-koperazzjoni li sibna minn naħa tiegħu biex jinxtgħel is-sett tan-Nativita' fi Triq Karmenu Ciantar, wara li dan ipprovdina b'kaxxa bil-*fittings* kollha tal-elettriku. Is-Sur Charles Farrugia se jkun hu stess li jilbes ta' *Father Christmas* fil-Party tat-tfal li se jorganizza l-KLM nhar is-Sibt 20 ta' Diċembru.

26. L-inviti tal-*party/drinks* tal-KLM lill-għaqdiet ta' nhar l-4 ta' Jannar, 2015 huma lesti u se jintbagħtu matul il-ġimgħa d-dieħla u qed inħejju għal dan l-avveniment biex ikun suċċess.

27. Is-SE kien imħeġġeġ sabiex iċempel lil Mario '*Skutu'* u jistiednu sabiex jekk irid jiġi jarma' bil-ġelat f'Misraħ il-Fidwa nhar il-Ħadd 21 ta' Diċembru. Il-KLM ikkonċeda illi dan ikun jista' jiġi mingħajr obbligazzjoni peress li ħallas hu minn butu għall-ġelati li tajna lit-tfal dak in-nhar li kien inawgurat Ġnien Onġi Onġella. Infatti l-KLM irringrazzjah ukoll pubblikament.

28. Il-KLM approva l-*Payment Approval Sheet* numru 491.

29. Il-KLM se jiltaqa' nhar it-Tlieta, 6 ta' Jannar, 2014 fis-6.30pm.

30. Il-laqgħa ntemmet fl-9.45pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*06/01/2015 minn:* | **Charlene Zammit**<br>**Viċi Sindku** |